MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2013

Numru. 775/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Graziella Muscat**
**vs**
**Mario Nolan**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Mario Nolan ta' 46 sena iben Patrick u Cettina Maria nee' Grima, imwieled r-Renju Unit fis-6 ta' Lulju 1962 u residenti 16, Triq il-Palm, Mellieha u detentur tal-karta tal-identita' numru 444281(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fl-Msida u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, f'Awwissu 2008 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe talli:

1. B'eghmil zieni, ikkorrompa lil LC minuri t' erbatax-il sena(14);

2. Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuni ta' taht l-eta' u cioe ma' LC t'erbatax-il sena;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija minuri LC u l-familja taghhom u persuni ohra, minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti kienet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni involuti u l-familja taghhom ai termini ta' l-artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 25 ta' Awwissu 2008 (esebit *a folio* 25 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu waqt l-udjenza tal-21 t'Awwissu 2008 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-10 ta' Marzu 2010 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu.

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarada l-piena.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi għalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kif ukoll il-fatt li l-imputat ikkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet, kkunsidrat ukoll ir-rapport tal-espert mahtur minnha sabiex jaghmel clinical assessment tal-imputat, u cioe' ir-rapport tal-clinical psychologist Dr. Edward Curmi[1] kif ukoll ix-xhieda tal-istess Dr. Edward Curmi u kkunsidrat il-fatt li kien il-minuri koncernat li avvicina lill-imputat sabiex ikollu attivita' sesswali mieghu bi hlas u mhux vice versa u li l-atti li saru kienu bil-kunsens tal-minuri. Wara li wiznet dawn ic-cirkostanzi kollha u wara li hadet in konsiderazzjoni li hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li l-imputat ghandu bzonn b'mod urgenti ghajnuna minghand professjonisti sabiex jeghleb il-problemi ta' natura psikologika li jsofri minnhom u wara li kkunsidrat il-fatt li jidher li l-imputat huwa dispost li jindirizza dawn il-problemi billi jissottoponi lilu nnifsu ghall-kura relattiva, l-Qorti jidrilha li piena karcerarja effettiva ma tkunx idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 203 u 204C(1) u (2)(b) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn(2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' erba'(4) snin millum.

Wara li rat l-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali l-Qorti inoltre tordna l-hrug ta' Ordni ta' Supervizjoni fil-konfronti tal-hati ghal zmien sentejn(2) millum fejn l-Ufficjal Sorveljanti ghandu jkun Matthew Fleri Soler, fejn l-imputat ghandu jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega ghall-problema li ghandu.

[1] Rapport relattiv inserit a fol. 126A et sequitur tal-atti processwali

Il-Qorti inoltre tqieghed lill-imputat taht ‘treatment order’, ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali taht il-kura tal-clinical psychologist Dr. Edward Curmi liema kura ghandha tikkonsisti fl-laqghat terapewtici bi frekwenza ta’ mill-anqas darbtejn fix-xahar ghal perjodu ta’ sena(1), jew skond l-istruzzjonijiet tal-istess Dr. Edward Curmi.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jonqos li josserva jew isegwi xi kundizzjoni mposta fuqu fl-Ordni ta’ Supervizjoni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni moghtija lilu mill-Ufficjal Sorveljanti.

Il-Qorti twissi wkoll lill-hati skond il-Ligi bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perijodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole u lil Dr. Edward Curmi.

Il-Qorti tordna d-divjiet tal-publikazzjoni ta’ isem il-minuri koncernat fi kwalunkwe mezz ta’ komunikazzjoni u dan sabiex tigi protetta l-identita’ tal-minuri.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni ghall-perijodu ta’ sentejn(2) millum fejn il-persuna protetta hija LC.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------